**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 339/17VG**

**Fl-atti ta' l-Ittra Uffiċjali bin-Numru 1773/17 datata 31 ta' Lulju 2017 fl-ismijiet:**

**ALC Limited**
**Vs**
**Bonnici Bros Contractors Ltd., MDM Costruzioni Generali Srl u BM Tunnel JV**

**Illum 26 ta' Frar 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fil-21 ta' Novembru 2017 mis-soċjetà MDM Costruzioni Generali Srl, li flimkien mas-soċjetà Bonnici Bros Contractors Ltd. kienet teżerċita il-kummerċ bħala BM Tunnel JV, permezz ta' liema titlob li l-Qorti: (i) tiddikjara li it-titolu eżekuttiv ottenut mis-soċjetà ALC Limited bis-saħħa ta' l-Ittra Uffiċjali bin-Numru 1773/17 a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-ismijiet "ALC Limited v. Bonnici Bros Contractors Ltd. et" ippreżentata fil-31 ta' Lulju 2017 u reża eżekuttiva a tenur ta' l-Artikolu 166B tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa null u bla effett; u (ii) tirrexxindi l-istess titolu eżekuttiv;

Rat id-dokumenti markati Dok. "A" sa' Dok. "C" annessi mar-Rikors promotur a fol. 3 sa' 8 tal-proċess;

Rat li waqt is-seduta ta' l-4 ta' Diċembru 2017[1], id-difensur tas-soċjetà Bonnici Bros Contractors Ltd. iddikjara li l-imsemmija soċjetà tirrimetti ruħha għal kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-Qorti dwar it-talba tas-soċjetà Rikorrenti;

Rat ir-Risposta tas-soċjetà ALC Limited permezz ta' liema topponi għat-talbiet tas-soċjetà Rikorrenti u titlob li l-istess jiġu miċħuda stante: (i) in-nuqqas ta' interess ġuridiku tas-soċjetà Rikorrenti; (ii) in-notifika ta' l-Ittra Uffiċjali in kwistjoni kif saret hija valida; u (iii) fir-rigward ta' l-elementi l-oħra rikjesti fis-subartikoli 1, 2

[1] Fol. 17 tal-proċess.

jew 3 ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, għandu jirriżulta li dawn kollha qegħdin f'posthom tant illi ma hemm l-ebda ilment f'dan ir-rigward da parte tas-soċjetà Rikorrenti;

Rat id-dokumenti annessi mar-Risposta tas-soċjetà Intimata markati Dok. "ALC1" sa' Dok. "ALC4" a fol. 24 sa' 43 tal-proċess;

Rat li b'Digriet mogħti fis-16 ta' April 2018[2], ġiet ordnata l-allegazzjoni ma' l-atti ta' dawn il-proċeduri ta' l-atti ta' l-Ittra Uffiċjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-ismijiet "ALC Limited v. Bonnici Bros Contractors Ltd. et" bin-Numru 1773/17 datata 31 ta' Lulju 2017 u l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 1816/17 fl-ismijiet "ALC Limited v. BM Tunnel JV";

Rat l-atti ta' l-Ittra Uffiċjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-ismijiet "ALC Limited v. Bonnici Bros Contractors Ltd. et" bin-Numru 1773/17 datata 31 ta' Lulju 2017 u l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 1816/17 fl-ismijiet "ALC Limited v. BM Tunnel JV";

Rat id-dokumenti markati Dok. "D" sa' Dok. "G" esebiti mis-soċjetà Rikorrenti permezz ta' Nota ppreżentata fis-16 ta' April 2018 a fol. 47 sa' 93 tal-proċess u semgħet ix-xhieda ta' Stephen Muscat mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' April 2018[3];

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat li b'Rikors ippreżentat fl-14 ta' Mejju 2018 is-soċjetà intimata talbet sabiex prevja s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, il-Qorti tikkonċedilha l-fakulta li tippreżenta affidavit ta' Eric Schembri, firmatarju fuq id-dokumenti esebiti minnha u markati Dok. "ALC1" sa' Dok. "ALC4", sabiex jikkonferma li huma vera kopji ta' l-oriġinali in kwantu waqt it-trattazzjoni orali s-soċjetà Rikorrenti ssottomettiet li l-istess dokumenti ma jikkostitwixxux prova skond il-Liġi stante li ma humiex awtentikati;

Rat li b'Risposta ppreżentata fis-7 ta' Settembru 2018, is-soċjetà Rikorrenti irrimettiet ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti;

Rat li b'Digriet mogħti fit-18 ta' Settembru 2018[4] il-Qorti laqgħet it-talba tas-soċjetà intimata;

Rat l-affidavit ta' Eric Schembri ppreżentat mis-soċjetà intimata permezz ta' Nota ippreżentata fl-24 ta' Settembru 2018 a fol. 105 u 106 tal-proċess;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

[2] Fol. 46 tal-proċess.
[3] Fol. 94 u 95 tal-proċess.
[4] Fol. 97 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

In forza ta' Ittra Uffiċjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġiijiet ta' Malta ippreżentata fil-31 ta' Lulju 2017, is-soċjetà ALC Limited (intimata f'dawn il-proċeduri) interpellat lil Bonnici Bros Contractors Ltd., MDM Costruzioni Generali Srl (rikorrenti f'dawn il-proċeduri) u BM Tunnel JV, iħallsuha s-somma ta' €7,840.49, bl-imgħaxijiet legali sal-hlas effettiv, rappreżentanti ħlas ta' servizzi u provvisti magħmula lilhom u/jew fl-interess jew fuq ordni tagħhom. Mir-riferti relattivi għan-notifika ta' l-imsemmija Ittra Uffiċjali jirriżulta li l-Ittra ġiet notifikata lis-soċjetà Bonnici Brothers Ltd u lil BM Tunnel JV iżda baqgħet ma ġietx notifikata lis-soċjetà MDM Costruzioni Generali Srl. Permezz ta' Nota ppreżentata fl-4 ta' Settembru 2017, is-soċjetà Bonnici Bros Contractors Ltd. irrespinġiet it-talba tas-soċjetà ALC Limited kif dedotta fil-konfront tagħha stante li, *inter alia,* ma hijiex il-leġittimu kontradittur ta' l-imsemmija soċjetà. Peress illi ma ġiet ippreżentata l-ebda Nota/Risposta da parte ta' BM Tunnel JV, a tenur ta' l-Artikolu 166B tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta s-soċjetà ALC Limited għaddiet biex tirrendi l-imsemmija Ittra Uffiċjali eżekuttiva fil-konfront ta' BM Tunnel JV **<u>biss</u>**.

Wara li l-Ittra Uffiċjali in kwistjoni ġiet reża eżekuttiva s-soċjetà ALC Limited talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv fil-konfront ta' BM Tunnel JV **<u>biss</u>**, liema Mandat għandu n-Numru 1816/17, għas-sorte ta' €7,840.09, imgħax ta' €104.53 u spejjeż ta' €110.47.

Bil-proċeduri odjerni, istitwiti a tenur ta' l-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjetà MDM Costruzioni Generali srl, li flimkien mas-soċjetà Bonnici Bros Contractors Ltd. kienet teżerċita l-kummerċ bħala BM Tunnel JV, tikkontesta it-titolu eżekuttiv ottenut mis-soċjetà ALC Limited fil-konfront ta' BM Tunnel JV, u titlob li l-imsemmi titolu eżekuttiv jiġi dikjarat null u bla effett fil-Liġi u konsegwentement jiġi rexiss. Hija tibbaża t-talbiet tagħha fuq is-segwenti aggravji: (a) hija la ġiet notifikata bl-Ittra Uffiċjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta ippreżentata fil-31 ta' Lulju 2017 u lanqas ġiet notifikata bil-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 1816/17. Hija saret taf bl-Ittra Uffiċjali biss fis-7 ta' Novembru 2017 wara li għamlet riċerka fir-Reġistru tal-Qorti; (b) BM Tunnel JV *ut sic* ma setghatx tiġi notifikata għaliex ma għandhiex personalità ġuridika u fi kwalunkwe każ, kienet hi - ossia s-soċjetà Rikorrenti - li tieħu ħsieb il-ħlasijiet ta' kull kreditur relattiv għall-iskop tal-*joint venture*; (ċ) hija titulari flimkien mas-soċjetà Bonnici Bros Contractors Ltd., ta' kont mal-Bank of Valletta p.l.c. li ġie sekwestrat bil-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 1816/17; (d) fi kwalunkwe każ is-soċjetà intimata ma hijiex kreditriċi tagħha u lanqas tas-soċjetà Bonnici Bros Contractors Ltd, u jekk hu possibbli lanqas ta' BM Tunnel JV; u (e) il-kawżali li s-soċjetà intimata indikat unilateralment fl-Ittra Uffiċjali u fil-Mandat ta' Sewkestru ma humiex l-istess.

Is-soċjetà ALC Limited topponi għat-talbiet tas-soċjetà Rikorrenti u titlob li l-istess jiġu miċħuda stante: (i) in-nuqqas ta' interess ġuridiku tas-soċjetà Rikorrenti u stante li (ii) in-notifika ta' l-Ittra Uffiċjali in kwistjoni kif saret hija valida. Fir-Risposta tagħha s-soċjetà intimata telabora fuq dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet bil-mod segwenti: <u>għal dak li jirrigwarda l-oġġezzjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku tas-soċjetà Rikorrenti</u> - (A) ladarba s-soċjetà Rikorrenti tikkontendi li hi flimkien ma'

Bonnici Bros Contractors Ltd. kienet teżerċita l-kummerċ bħala BM Tunnel JV, l-assenza ta' l-imsemmija soċjetà Bonnici Bros Contractors Ltd. twassal għall-karenza ta' interess ġuridiku tas-soċjetà Rikorrenti; (B) fid-dawl ta' dan u peress illi dawn il-proċeduri ma ġewx istitwiti miż-żewġ sħab fin-negozju, kull oġġezzjoni li għandha s-soċjetà Rikorrenti tista' tolqot biss u tkun limitata għall-interess li hi għandha f'BM Tunnel JV u għalhekk ma tistax topponi għall-esekuzzjoni kollha fuq is-somma kollha li ġiet issekwestrata; (Ċ) ladarba dawn il-proċeduri jattakkaw l-eżekuzzjoni fl-insjem tagħha u mhux biss xi parti minnha li b'xi argument is-soċjetà Rikorrenti tista' tgħid li tispetta lilha, ir-Rikors odjern ma jistax jiġi milqugħ peress illi s-soċjetà Rikorrenti m'għandhiex l-interess ġuridiku li tagixxi waħedha f'din l-istanza. In kwantu rigwarda l-oġġezzjoni li n-notifika ta' l-Ittra Uffiċjali in kwistjoni kif saret hija valida - (A) ladarba BM Tunnel JV ippreżentat ruħha bħala entità b'personalità ġuridika bil-kapaċità li tidħol f'kuntratti, hekk kif għamlet f'erba' skritturi ta' lokazzjoni mas-soċjetà intimata, dak għamlitu b'responsabbiltà tagħha u parti kontraenti għandha d-dritt li tqis illi l-parti l-oħra qiegħda taġixxi u tikkuntratta in bona fede u mhux li dik il-parti qiegħda deliberatament tagħti isem falz jew tippreżenta ruħha bħala xi ħaġa li m'hijiex; (B) min jaġixxi b'dan il-mod ikun mhux biss qed jikkommetti frodi fil-kamp Ċivili iżda wkoll ir-reat kontemplat mill-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (Ċ) ma tistax parti f'kawża l-ewwel tidħaq bil-parti l-oħra, imbagħad tistaħba wara l-għelt kommess minnha stess. *Ex turpitudine non aritur actio*. Għalhekk meta s-soċjetà intimata nnotifikat lill-istess BM Tunnel JV fl-indirizz mogħti fuq l-iskritturi ta' lokazzjoni, u din in-notifika ġiet aċċettata minn persuna fiżika f'dak l-indirizz, din trid titqies għal kull bon fini li hi notifika valida; (D) jekk minn fejn seħħet in-notifika ma kienx hemm komunikazzjoni mas-soċjetà Rikorrenti u forsi xi ħadd ma tarrafx il-wasla ta' din l-ittra lis-soċjetà Rikorrenti, din ma hijiex probelma tas-soċjetà intimata iżda se mai hija problema tas-soċjetà Rikorrenti li ma ħaditx ħsieb li torganizza n-negozju tagħha b'mod ordnat; (E) għalhekk għandu jitqies li n-notifika saret lil entità li ippreżentat ruħha bħala entità kontraenti, entità li kellha kont bankarju u li għamlet ħlasijiet minnu. Is-soċjetà intimata tikkontendi wkoll li fir-rigward ta' l-elementi l-oħra rikjesti fis-subartikoli 1, 2 jew 3 ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, għandu jirriżulta li dawn kollha qegħdin f'posthom tant illi ma hemm l-ebda ilment f'dan ir-rigward da parte tas-soċjetà Rikorrenti.

Is-soċjetà Bonnici Bros Contractors Ltd. notifikata bir-Rikors ippreżentat mis-soċjetà Rikorrenti, iddikjarat li tirrimetti ruħha għal kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-Qorti dwar it-talba tas-soċjetà Rikorrenti.

L-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *titolu eżekuttiv li jinkiseb skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dejjem jekk ma jkunx hemm oppożizzjoni min-naħa tad-debitur, għandu jiġi rexiss u ddikjarat null u bla ebda effett jekk meta ssir talba permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond il-każ, li tiġi ppreżentata mid-debitur fi żmien għorxin ġurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta: (i) li d-debitur ma kienx jaf b'dik l-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew (ii) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-htiġijiet stipulati fis-subartikoli (1),(2) jew (3).*

Is-soċjetà Rikorrenti tikkontendi li siccome BM Tunnel JV hija jew ta' l-inqas kienet *joint venture* bejnha u s-soċjetà Bonnici Bros Contractors Ltd., l-imsemmija BM Tunnel JV ma għandhiex personalità ġuridika distinta mill-membri tagħha u b'hekk ma setgħetx tiġi interpellata u konsegwentement notifikata waħedha. Is-soċjetà intimata tilqa' għal din l-affermazzjoni u konsegwenti pretensjoni tas-soċjetà Rikorrenti b'żewġ modi: (i) billi l-imsemmija soċjetà Rikorrenti tikkontendi li hemm *joint venture* bejnha u is-soċjetà Bonnici Bros Contractors Ltd., in-nuqqas ta' din l-aħħar soċjetà fil-proċeduri odjerni jwassal għal karenza ta' interess ġuridiku tas-soċjetà Rikorrenti f'din l-azzjoni u se mai u fi kwalunkwe każ is-soċjetà Rikorrenti ma tistax topponi għall-esekuzzjoni fuq is-somma intiera ssekwestrata bis-saħħa tal-Mandat ta' Sekwestru maħruġ fil-konfront ta' BM Tunnel JV; u (ii) illum is-soċjetà Rikorrenti ma tistax tikkontendi li BM Tunnel JV ma hijiex entità b'personalità ġuridika distinta mill-membri tagħha meta l-istess BM Tunnel JV kienet ippreżentat ruħha għal kuntratti ta' lokazzjoni, li jagħtu lok għall-pretensjoni ta' l-istess soċjetà intimata, bħala enti ġuridika li *ictu oculi* kellha l-kapaċità *in contrahendo*.

Il-Qorti tibad billi tosserva li mill-provi prodotti mis-soċjetà Rikorrenti, senjatament mill-*joint venture agreement* esebit bħala Dok. "F" a fol. 62 sa' 93 tal-proċess, jirriżulta li BM Tunnel JV hija *joint venture* bejn is-soċjetà Rikorrenti w is-soċjetà Bonnici Bros Contractors Ltd. għall-fini tal-*National Flood Relief Project - Żabbar - Marsascala Bypass Tunnels*. Stabbilit dan il-fatt jeħtieġ issa jiġi determinat jekk l-imsemmija *joint venture* għandhiex personalità ġuridika distinta mill-membri tagħha u b'hekk setghetx tiġi interpellata u konsegwentement notifikata waħedha bl-Ittra Uffiċjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta ppreżentata mis-soċjetà intimata fil-31 ta' Lulju 2017.

L-Artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, Kap.386 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi li: *(1) Soċjetà kummerċjali tista' tkun ta' xorta minn dawn - (a) soċjetà f'isem kollettiv; jew (b) soċjetà in akkomdndita jew soċjetà limitata; jew (ċ) kumpannija. (2) Soċjetà kummerċjali li ma tkunx kumpannija tista' tkun iffurmata għall-eżerċizzju ta' att jew atti kummerċjali. (3) Kumpannija tista' tkun iffurmata għal kull għan leġittimu u għandu jkollha l-istatus ta': (a) kumpannija pubblika; jew (b) kumpannija privata. (4) Soċjetà kummerċjali għandha personalità ġuridika distinta minn dik tal-membru jew tal-membri tagħha u l-imsemmija personalità ġuridika tibqa' sseħħ sakemm l-isem tas-soċjetà kummerċjali ma jiġix imħassar mir-reġistru, u b'hekk is-soċjetà kummerċjali tieqaf teżisti.*

Minn dan il-provvediment tal-Liġi jirriżulta car li meta żewġ persuni jew iktar jingħaqdu flimkien għal att jew atti kummerċjali jitqies li bejniethom għandhom jew huma soċjetà kummerċjali b'personalità ġuridika distinta minn dik tal-membri tagħha **<u>biss</u>** jekk dik l-għaqda ta' bejniethom tieħu l-forma ta' soċjetà f'isem kollettiv, soċjetà in akkomdndita jew soċjetà limitata, jew kumpannija. Minn dan isegwi għalhekk li *joint venture*, li ma taqa' taħt l-ebda waħda mill-forom ta' soċjetà kummerċjali indikati fil-preċitat artikolu tal-Kap.386 tal-Liġijiet ta' Malta, għad illi kostitwita għal att jew atti kummerċjali, ma għandhiex u tistax titqies li għandha **personalità ġuridika distinta mill-membri tagħha**.

L-Artikolu 181A(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta li jittratta dwar skritturi li jiġu ppreżentati minn jew korp b'personalità ġuridika distinta, jipprovdi li: *meta tiġi preżentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu personalità ġuridika distinta, ikun biżżejjed li wieħed iniżżel isem dak il-korp*. Bl-invers ta' dak provdut f'dan l-artikolu tal-Ligi jsegwi li meta tiġi ppreżentata skrittura minn jew kontra korp li ma għandux personalità ġuridika distinta minn dik tal-membri tiegħu, allura dik l-iskrittura trid tiġi ppreżentat minn jew fil-konfront tal-membri ta' dak il-korp in rappreżentanza ta' dak il-korp u ma huwiex biżżejjed li jitniżżel biss isem dak il-korp.

Dan kollu jwassal għall-konkluzzjoni li l-Ittra Uffiċjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta ppreżentata mis-soċjetà intimata fil-31 ta' Lulju 2017 ma setgħetx tiġi ppreżentata fil-konfront ta' BM Tunnel JV waħedha. Ladarba l-Ittra Uffiċjali ppreżentata mis-soċjetà intimata għal dak li jirrigwarda l-*joint venture* ma hijiex konformi ma' dak li jirriżulta mill-provvediment ta' l-Artikolu 181A(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, isegwi li n-notifika ta' dik l-Ittra Uffiċjali lil BM Tunnel JV waħedha ma hijiex notifika valida ai termini tal-Liġi la tal-*joint venture* u wisq inqas tal-membri ta' l-istess *joint venture*. Minn dan isegwi għalhekk li l-Ittra Uffiċjali ippreżentata mis-soċjetà intimata fil-31 ta' Lulju 2017 ma setgħetx validament tiġi reża eżekuttiva fil-konfront tal-*joint venture*, u wisq inqas tal-membri tagħha, a tenur ta' l-Artikolu 166B tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas seta' validament jinħareġ Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv fil-konfront tal-*joint venture* BM Tunnel JV.

Għal kull buon fini jiġi osservat li għalkemm l-Ittra Uffiċjali in kwistjoni apparte li ġiet ippreżentata fil-konfront ta' BM Tunnel JV ġiet ippreżentata wkoll fil-konfront tas-soċjetà Bonnici Bros Contractors Ltd u tas-soċjetà Rikorrenti MDM Costruzioni Generali srl, ossia l-membri tal-*joint venture*, xorta waħda ma jistax jitqies li setgħet tiġi reża eżekuttiva u esegwibbli fil-konfront ta' BM Tunnel JV. Fl-ewwel lok għad illi s-soċjetà Bonnici Bros Contractors Ltd. ġiet notifikata bl-Itrra Uffiċjali in kwistjoni, b'Nota ippreżentata fl-4 ta' Settembru 2017, hija kkontestat il-pretensjoni tas-soċjetà intimata. Fit-tieni lok is-soċjetà Rikorrenti - soċjetà reġistrata l-Italja u b'indirizz reġistrat f'Salerno - baqgħet qatt ma ġiet notifikata bl-imsemmija Ittra Uffiċjali. Il-Qorti in oltre tesprimi d-dubji serji tagħha dwar kemm il-proċedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta setgħet tiġi adottata mis-soċjetà intimata għall-kreditu minnha pretiż mingħand il-*joint venture* u dana billi l-imsemmi artikolu tal-Liġi kjarament jipprovdi li kreditur jista' jużufruwixxi minn din il-proċedura partikolari **biss** jekk id-debitur ikun, fost affarijiet oħra, preżenti f'Malta; rekwiżit dan li fil-każ in eżami ma huwiex sodisfatt in kwantu wieħed mill-membri tal-*joint venture* hija soċjetà reġistrata u b'hekk residenti l-Italja.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat, fejn l-Ittra Uffiċjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta ppreżentata mis-soċjetà intimata fil-31 ta' Lulju 2017 ma hijiex in konformità mal-provvedimenti ta' l-istess imsemmi artikolu tal-Liġi u lanqas ma hi in konformità ma' dak li jirriżulta mill-provvediment ta' l-Artikolu 181A(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ma tqisx li hija fondata l-affermazzjoni tas-soċjetà intimata li fin-nuqqas tas-soċjetà Bonnici Bros Contractors Ltd f'dawn il-proċeduri - u dana preżumibilment bħala parti rikorrenti -

is-soċjetà Rikorrenti ma għandhiex interess ġuridiku titlob u tottjeni r-rexissjoni kompleta tat-titolu eżekuttiv ottenut minnha fil-konfront ta' BM Tunnel JV. Apparte l-fatt li l-Liġi kjarament tagħti lil kull debitur il-fakoltà li jużufruwixxi mill-proċedura kontemplata fl-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjetà Bonnici Bros Contractors Ltd. ġià kkontestat it-talba għall-ħlas tas-soċjetà intimata kif provdut fl-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk, a differenza tas-soċjetà Rikorrenti li ma għandhiex kontestazzjoni formali għat-talba tas-soċjetà intimata, diffiċilment jista' jitqies li t-titolu eżekuttiv vantat mis-soċjetà intimata fil-konfront tal-*joint venture* jista' jestendi għal u jeffettwa wkoll lis-soċjetà Bonnici Bros Contractors Ltd.

Is-soċjetà intimata tikkontendi wkoll li hemm aġir qarrieqi u frawdolenti da parte tas-soċjetà Rikorrenti u/jew da parte tal-*joint venture* BM Tunnel JV u/jew tal-membri tagħha għaliex fil-kuntratti ta' lokazzjoni li jagħtu lok għall-pretensjonijiet tagħha fil-konfront ta' l-istess *joint venture*, BM Tunnel JV ippreżentat ruħha bħala entità ġuridika b'kapaċità li tikkuntratta. Tikkontendi wkoll li ladarba l-*joint venture* ppreżentat ruħha bħala entità ġuridika b'kapaċità li tikkuntratta, ma kienx kompitu tagħha - ossia tas-soċjetà intimata - li toqgħod tivverifika jekk dan huwiex minnu jew le u għaldaqstant BM Tunnel JV u/jew il-membri tagħha, għandhom issa jirrispondu ghan-nuqqas ta' adempjenza ta' l-obbligazzjonijiet kuntrattwali assunti.

Is-soċjetà intimata tibbaża din il-kontestazzjoni fuq il-premessa fil-kuntratti ta' lokazzjoni minnha esebiti bħala Dok. "ALC1" sa' Dok. "ALC4" a fol. 24 sa' fol. 43 tal-proċess, li tgħid: *Mario Bonnici, ..., as duly authorised for and on behalf of BM Tunnel JV, a company registered under the laws of Malta, with its registered address at Bonnici House, Triq is-Sardin, Burmarrad, Malta, (hereinafter referred to as "the Lessee").* Fil-fehma tal-Qorti però din il-premessa bl-ebda mod ma hija ta' konfort jew ta' sostenn għal dak affermat u konsegwentement pretiż mis-soċjetà intimata.

Għalkemm fl-imsemmija kuntratti ta' lokazzjoni BM Tunnel JV hija indikata bħala *a company registered under the laws of Malta*, huwa immedjatament evidenti li l-istess BM Tunnel JV ma hijiex kumpannija li per konsegwenza għandha personalità ġuridika distinta minn tal-membri tagħha.

Fir-rigward issir referenza għall-Artikolu 70(1), (2), (3) u (5) tal-Kap.386 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi: *(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli minn (3) sa' (6), kumpannija pubblika tista' tingħata kull isem iżda dak l-isem għandu jispiċċa bil-kliem "public limited company" jew l-abbrevjazzjoni tagħhom "p.l.c." ...; (2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli minn (3) sa' (6), kumpannija privata tista' tingħata kull isem, iżda dak l-isem għandu jispiċċa bil-kliem "private limited company" jew bil-kelma limited jew l-abbrevjazzjoni tagħhom "ltd."; (3) Meta kumpannija privata tkun kumpannija ta' investiment b'kapital azzjonarju varjabbli, l-isem tal-kumpannija għandu jispiċċa bil-kliem "investment company with variable share capital" jew bil-kelma "SICAV", segwita bil-kliem "private limited company", "limited" jew l-abbrevjazzjoni tagħha. (b) Meta kumpannija pubblika tkun kumpannija ta' investiment b'kapital azzjonarju fiss jew kumpannija ta' investiment b'kapital azzjonarju varjabbli, l-isem tal-kumpannija għandu jispiċċa bil-kliem "investment company with fixed share*

*capital" jew "investment company with variable share capital", skond iċ-ċirkostanzi tal-każ, minnufih bil-kliem warajhom "public limited company" jew l-abbrevjazzjoni tagħhom. Minflok il-kliem "investment company with fixed share capital" tista' tintuża t-taqsira "INVCO" u minflok il-kliem "investment company with variable share capital" jista' jintuża "SICAV"; ... (5) Kumpannija ma tkunx reġistrata b'isem li fih ikun jinkludi l-kelma fiduċarju, nominee jew trustee, jew xi abbrevjazzjoni, taqsir jew derivat ta' dawk il-kliem, kemm-il darba dik il-kumpannija ma tkunx awtorizzata li taġixxi bħala trustee skond il-liġi applikabbli ta' Malta jew ma jkollhiex il-permess li tagħmel hekk mill-awtorità kompetenti rilevanti.*

Minn dawn il-provvedimenti tal-Liġi jirriżultaw b'mod ċar id-diversi modi kif kumpannija, skond in-natura legali tagħha, tista' jew aħjar għandha tiġi indikata, indikazzjonijiet dawn li fil-każ in eżami ma tirriżulta l-ebda waħda minnhom. Mill-isem BM Tunnel JV is-soċjetà Rikorrenti setgħet, anzi fil-fehma tal-Qorti messha, mill-ewwel indunat li ma kenitx qed tikkuntratta ma' kumpannija b'personalità ġuridika distinta iżda li kienet qed tikkuntratta ma' tip ta' entità ta' natura legali oħra u għaldaqstant ma kien hemm l-ebda qerq jew frodi da parte ta' l-istess BM Tunnel JV u/jew tal-membri tagħha.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti tirribadixxi li l-interpellazzjoni lil BM Tunnel JV permezz ta' l-Ittra Uffiċjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta ppreżentata mis-soċjetà intimata fil-31 ta' Lulju 2017 **u** l-konsegwenti notifika lill-istess BM Tunnel JV ta' dik l-Ittra Uffiċjali ma humiex validi ai termini tal-Liġi. Għaldaqstant it-titolu eżekuttiv ottenut mis-soċjetà intimata fil-konfront ta' BM Tunnel JV, a bażi ta' liema l-imsemmija soċjetà ottjeniet il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv fil-konfront ta' BM Tunnel JV, huwa null u bla effett fil-Liġi u b'hekk għandu jiġi rexiss.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet avvanżati mis-soċjetà Rikorrenti u tiddikjara t-titolu eżekuttiv ottenut mis-soċjetà intimata fil-konfront ta' BM Tunnel JV in forza ta' l-Ittra Uffiċjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 1773/17 ippreżentata fil-31 ta' Lulju 2017, a bażi ta' liema ottjeniet il-hruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 1816/17 fil-konfront ta' l-istess BM Tunnel JV, null u bla effett fil-Liġi u konsegwentement tirrexxindi l-istess imsemmi titolu eżekuttiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mis-soċjetà intimata.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**